MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 30/2006

**George Abela (I.D. 646081M)**

**Vs**

**George Galea & Sons Limited (C5597)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta’ Jannar 2006, fejn intalab li ls-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u wiehed u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm441.30), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm441.30), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------